# PREŻENTAZZJONI

Għeżież membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali,

Il-missjoni prinċipali tagħna bħala nsara hija proprju li nħejju t-triq għall-Mulej. Aħna msejħa sabiex nagħmlu art għammiela fejn il-Kelma t' Alla tkun tista' tinbet u tikber. Il-ħajja tagħna personali, kif ukoll bħala komunità, trid issir, kemm jista' jkun, kollha kemm hi xhieda għalih.

Naħseb li lkoll inħossu l-ħtieġa li l-esperjenza sabiħa li kellna flimkien f'April li għadda fl-iskola ta' Santa Monika f'B'Kara nġedduha u ngħixuha mill-ġdid sabiex inħallu lill-Kelma tinżel fil-fond u tnissel l-għeruq. Għalhekk, permezz ta' dan il-manwal nixtieq nistedinkom sabiex, kemm b'mod personali, u kemm flimkien mal-komunità parrokkjali, tagħmlu riflessjoni dwar il-vokazzjoni tagħna bħala membri tal-Knisja. Tul dawn l-għaxar xhur li ġejjin, nixtieq nistedinkom sabiex tagħmlu mixja ta' talb u riflessjoni dwar l-identità tagħna bħala magħżulin mill-Mulej, l-isfidi li għandna quddiemna, u dwar dak li jagħmilna komunità nisranija li tissejjaħ parroċċa. Nistedinkom sabiex tixtarru dawn il-ftit riflessjonijiet li għamilna jien u Dun René Camilleri u tagħmluhom tagħkom. Kull riflessjoni għandha silta mill-Iskrittura Mqaddsa bħala introduzzjoni u direzzjoni. Ejjew inħallu lill-Mulej imexxi 'l-Knisja tiegħu f'Malta sabiex iġeddidna.

Il-Mulej iberikkom u jimliekom bil-qawwa tiegħu.

✠ PAWL CREMONA O.P.
Arċisqof ta' Malta

Il-lum 14 ta' Settembru 2007
Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib

## L-Użu ta' Dan is-Sussidju

L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali flimkien mas-Segretarjat għall-ħajja u ħidma fil-Parroċċi qed jippreżenta dan is-sussidju bil-ħsieb li jservi ta' kontinwazzjoni u approfondiment tal-laqgħat li saru għall-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali f'April 2007 fis-sala ta' l-iskola ta' Santa Monika B'kara.

Is-sussidju hu maqsum fuq għaxar temi li lkoll jistiednu għat-talb, riflessjoni u azzjoni. It-temi ppreżentati f'dan is-sussidju jistgħu jiġu wżati bħala t-talba tal-bidu għal-laqgħat tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. Jekk jintużaw darba fix-xahar, dawn it-temi jwasslu wkoll għas-serje ta' laqgħat li jmiss fil-18 u 25 ta' April 2008.

Filwaqt li l-għaxar temi huma organizzati b'mod loġiku, il-moderatur tal-laqgħa flimkien mal-Kappillan jew Arċipriet jistgħu jbiddlu s-sekwenza tal-laqgħat skond il-ħtiġijiet tal-parroċċa.

Kull tema hija introdotta minn silta mill-Iskrittura. Wara li tinqara, isiru xi domandi li jgħinu għar-riflessjoni personali. F'dan il-ħin nissuġġerixxu li jkun hemm ftit mumenti ta' skiet. Imbagħad jinqraw is-siltiet mid-diskorsi u jsiru d-domandi għar-riflessjoni. Wara li jinqraw id-domandi ma nissuġġerixxux li jsir qsim ta' ideat jew esperjenzi mill-ewwel imma li jkun hemm mument ieħor ta' skiet u riflessjoni personali. Fl-aħħar ta' dawn il-waqtiet ta' skiet nistiednu lill-membri tal-Kunsill sabiex jaqsmu l-ħsibijiet u t-talb tagħhom.

# Il-Mulej Għażilna – Biex Naqdu

Qari mill-Ittra ta' San Pawl lill-Kolossin *(Kol 3: 12-17)*



Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla. Ħalli l-kelma ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bl-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla. Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.

*Il-Kelma tal-Mulej*

*Silta mid-Diskors ta' Mons. Aċisqof*

Fid-*Deus Caritas Est*, il-Papa Benedittu jpoġġi idea sabiħa ħafna ta' minn fejn tibda l-komunjoni. Jgħidilna, Alla jagħżel. Lilna għażilna! Ma niddejqux ngħiduha. Kien hemm żmien, li sabiex inpoġġu lil kulħadd fuq l-istess livell, konna nistħu ngħidu li,

bħala insara, Alla għażilna. Aħna ma niddejqux ngħidu: 'Aħna, permezz tal-Knisja, Alla għażilna'. Dan huwa don kbir. Imma - u din hi d-differenza - nistgħu ngħixuha bħalma kienu jgħixuha l-fariżej, u allura nqisu 'l-oħrajn inqas minna. Imma din hija s-suppervja. Jew inkella ngħixu din l-għażla billi nkunu aktar għall-qadi ta' l-oħrajn. Aktar ma nindunaw li aħna magħżulin, aktar inkunu nixtiequ li dak li qed ngħixu ngħadduh lill-oħrajn. Hemmhekk tinduna li l-komunjoni bejnietna tkun ġejja minn Alla.

Sidna Ġesù Kristu seta' jitkompla sal-lum għaliex kien hemm komunità. Kieku kienu waħidhom biss l-appostli, kieku m'għamilhomx komunità, kienu jgħixu forsi għal dak il-mument u jispiċċaw. Mela l-qofol ta' dak li qed ngħidu l-lum huwa li aħna rridu nieħdu fuqna lkoll din ir-responsabbiltà li ngħixu l-lum u nitrasmettu lil ta' warajna dan il-wirt kbir tal-preżenza qawwija ta' Ġesù. Hu verament iħobbna għaliex lili u lilkom, bin-nuqqasijiet kollha tagħna, fada f'idejna din il-missjoni kbira. Min kien se jafdana daqshekk meta jafna minn ġewwa? Ħadd ħlief il-Mulej.

### *Nieqfu u nirriflettu*

- Xi tfisser għalik li Alla għażlek?
- X'responsabbiltà titfa' fuqek?

*Silta mid-Diskors ta' Dun René*

Kemm barra mill-Knisja, kif ukoll ġewwa, hemm ħafna u ħafna aspettativi. Kważi l-ikbar sfida għalija hi li naraw ftit dawn l-aspettattivi x'inhuma eżatt u x'se nagħmlu dwarhom. San Bernard dwar il-Knisja kien kiteb hekk: Il-Knisja għaddiet mill-morr tagħha fi żmien il-persekuzzjonijiet; u kellha wkoll il-morr tagħha fi żmien l-ereżija. Imma forsi l-ikbar morr għall-Knisja kien meta waqfet tfittex għax ħasbet li waslet. Persekuzzjonijiet

għandna, fis-sens ta' ċirkustanzi li jitolbu minna xhieda akkost ta' prezz; ereżiji għandna wkoll, meta tqis x'tisma' u x'jingħad. Imma l-ikbar sfida tagħna hi biex ma nistaġnawx. Ejja nkomplu noħolmu flimkien! Biex din l-avventura ma tiqafx!

***Naġixxu fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet***

- X'tista' tkun il-missjoni tagħna fil-parroċċa tagħna?
- Kif nistgħu ma nistaġnawx fil-mod kif ngħixu u naħdmu?

# Xi Sfidi Għandna Quddiemna?

Qari mill-Evanġelju ta' San Mark *(Mk 16: 14-15)*



Fl-aħħar wera ruħu lill-ħdax stess waqt li kienu fuq il-mejda, u ċanfarhom talli kienu nieqsa mill-fidi u hekk rashom iebsa li ma emmnux lil dawk li kienu rawh wara li qam mill-mewt. U qalilhom: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu."

*Il-Kelma tal-Mulej*

*Silta mid-Diskors ta' Mons. Arċisqof*

Meta Sidna Ġesù Kristu tela' s-sema u mar għand Alla l-Missier, l-aħħar kelma li ta lill-appostli tiegħu, kienet: 'morru fid-dinja kollha u xandru l-Bxara t-Tajba'. Hawnhekk għandna l-qofol, għaliex il-Knisja mhix għalina. Jekk aħna nibqgħu hawn ġew u nkunu kuntenti flimkien u nibqgħu hekk, aħna ma aħniex komunità pentekostali. Dan għaliex għadna ma rċevejniex l-Ispirtu s-Santu. Jekk parroċċa hija kuntenta li tagħmel l-affarijiet għaliha nfisha u ma tħarisx 'il-barra minnha nfisha, għadha mhix komunità pentekostali. Hemm bżonn titlob lill-Ispirtu s-Santu jinżel fuqha ħalli tkun tista' twassal lill-Mulej.

Li tkun fid-dawl ta' Sidna Ġesù Kristu, li tela' s-sema, tfisser li l-Kelma ta' Alla ssir il-Bxara t-Tajba. Sakemm il-Kelma ta' Alla jiena qed naċċettaha bħall-appostli qabel il-Penetekoste, jien għadni ma wasaltx. Fil-mument meta l-Kelma ta' Alla jkolli l-kuraġġ li nwassalha, hemmhekk sirt parti minn komunità pentekostali li qed tagħmel dak li jixtieq il-Mulej.

Ilkoll kellna l-esperjenza li wassalna lil xi ħadd il-Kelma tal-Mulej Ġesù? Li tiltaqa' flimkien sabiħ, imma li hemm bżonn hu li jkolli l-kuraġġ li nwassal il-Kelma.

### *Nieqfu u nirriflettu*

- Fil-parroċċa tagħna aħna magħluqin fina nfusna jew lesti li nwasslu l-Bxara t-Tajba?
- Fil-laqgħat tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali qegħdin inħarsu biżżejjed 'il barra?

*Silta mid-Diskors ta' Dun René*

Quddiemna nħoss li għandna żewġ tipi ta' sfidi. Hemm sfidi ġejjin minn barra u sfidi ħerġin minn ġewwa. L-isfidi ġejjin minn barra, dak li jidher li qiegħed ibeżżagħna, dak li forsi narawh theddida, huma l-isfidi li faċli jirrenduna bħall-Appostli meta kienu fiċ-ċenaklu bil-bibien magħluqa u mbeżżgħa mill-Lhud. Min-naħa l-oħra, l-għajn tal-isfidi minn ġewwa hija l-istess qawwa tal-Ispirtu li ma tħalliniex fil-paċi. L-Ispirtu li qed jagħmel minna u jrid jibqa' jagħmel minna Knisja missjunarja, Knisja evanġelizzata u evanġelizzatriċi. Dawk huma sfidi li ħerġin minn ġewwa u li huma t-tilqima, ir-rimedju kontra l-medjokrità. Il-Vanġelu huwa l-Aħbar it-Tajba. Aħbar Tajba li l-Mulej tana u qed jagħtina dejjem mill-ġdid u li rridu l-ewwel inħalluha tħeġġeġ 'il qalbna u tbaqbaq ġo fina tul it-triq biex imbagħad tfawwar 'il barra. Hija aħbar splussiva. Mhijiex duttrina, lanqas regoli. Imma aħbar, li ma nistgħux nirrenduha storja jew relikwija.

***Naġixxu fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet***

- Ġieli naqtgħu qalbna quddiem l-isfidi li għandna quddiemna fil-parroċċa? Kif nistgħu negħlbu dan l-atteġġjament?
- Kif nistgħu nwasslu aħjar il-Vanġelu bħala l-Aħbar it-Tajba?

# X’inhi Parroċċa?

Qari mill-Ktieb ta’ l-Atti ta’ l-Appostli *(Atti 2: 44--47)*



Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta’ kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.

*Il-Kelma tal-Mulej*

***Nieqfu u nirriflettu***

- Minn xiex nintgħarfu li aħna komunità nisranija?

*Silta mid-Diskors ta’ Mons. Arċisqof*

Fis-*Sacrosanctum Concilium*, numru 42 hemm miktub (li) il-parroċċa hija xhieda tal-Knisja viżibbli. Viżibbli mhux għal min qed jgħixha; għal dan ma għandhiex bżonn inkunu viżibbli. Viżibbli għal min għadu ma jafhiex. Min għadu ma jafx lill-Mulej irid jara xi ħaġa u jrid jara lilna, u jrid jara aħna kif ngħixu l-Kelma, aħna kif ngħixu l-messaġġ Kristjan tiegħu.

It-tieni definizzjoni, fost il-ħafna, fil-*Christifideles Laici,* numru 26, hija li l-Knisja tgħammar f’nofs id-djar ta’ wliedha,

familji etc. Il-parroċċa hija din: li l-kuntest soċjali tagħmlu Knisja. Jiġifieri aħna qegħdin flimkien mhux għax b'kumbinazzjoni ġara li qegħdin fl-istess post, imma nżidu xi ħaġa oħra, dimensjoni oħra, li aħna niġu flimkien ukoll għaliex aħna komunità nisranija li niltaqgħu fi Kristu. Aħna, id-dimensjoni soċjali, permezz tal-parroċċa nagħmluha Knisja, nagħmluha esperjenza spiritwali.

Il-parroċċa ma tibdiex minn kunċett. Il-parroċċa tibda mill-fidi tal-persuni singoli. Jiena nħoss din il-fidi, inti tħoss din il-fidi, il-persuna l-oħra tħoss din il-fidi li hemm ġewwa fina. Meta jien li għandi l-fidi ġewwa fija niltaqa' ma' persuna oħra li għandha l-fidi, nibdew nitkellmu fuq il-fidi tagħna. Hemmhekk inkunu qed nitfgħu ż-żerriegħa tal-komunità, għax il-fidi ma tibqax biss fidi tiegħi imma ssir fidi tagħna.

Ġesù qalilna (li) 'fejn hemm tnejn jew tlieta jiena ninsab fosthom.' Qisu hemm xi ħaġa ċirkulari: jiena ngħaddilek il-fidi, inti tgħaddili l-fidi. Issir komunità.... Meta ssir parroċċa? Meta din il-komunità li tinbena, il-Knisja tħossha qawwija biżżejjed biex tagħtiha responsabbilità ta' territorju. Tgħidilha, 'ara, din il-parti ta' din ir-raħal jew dan ir-raħal, issa li intom qawwijin ħudu f'idejkom dan it-territorju u għamlu dak li għamel Sidna Ġesù Kristu elfejn sena ilu'. Mela l-parroċċa trid tibda mill-persuni mgħammdin. Il-parroċċa hija magħmula mid-don li Alla jagħti lil kull wieħed u waħda permezz tal-magħmudija tiegħu jew tagħha.

### *Naġixxu*
### *fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet*

- Fil-mod kif jitħaddmu l-istrutturi tal-parroċċa tagħna, qegħdin nagħtu xhieda tal-Knisja viżibbli?
- Il-parroċċa tagħna kif tista' tingħaraf li hi komunità nisranija u mhux biss organizzazzjoni soċjali?
- Qegħdin nilħqu lil dawk li huma l-iżjed imwarrba fil-parroċċa tagħna?

# Il-Ħajja Liturġika Tagħna:
# Laqgħa Personali ma' Kristu

Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa *(Lq 24: 13-15, 28-35)*



Dak in-nhar stess ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu bejniethom fuq kull ma kien ġara. Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom…

Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel ta' birruħu li hu kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm." Mbagħad daħal biex joqgħod magħhom. U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Mbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom. U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, u dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!" U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

*Il-Kelma tal-Mulej*

*Silta mid-Diskors ta' Mons. Arċisqof*

X'inhi parroċċa? Hija komunità ekkleżjali li twassal il-Kelma, li tiċċelebra l-liturġija u s-sagramenti. Ninsisti fuqhom,

il-liturġija u s-sagramenti bħala mod biex il-persuna tiltaqa' ma' Kristu. Il-liturġija u s-sagramenti huma l-mezz kif kull persuna tagħmel il-mixja spiritwali tagħha. M'humiex sagramenti tal-massa. Il-liturġija u s-sagramenti huma għall-persuna biex tinbidel, biex hi tagħmel il-mixja. Mhumiex tal-massa – kemm kelli nies, kemm kienet kbira. Il-mistoqsija trid tkun: imma min kien hemm min iltaqa' ma' Kristu permezz tal-liturġija? Il-liturġija u s-sagramenti jridu jakkumpanjaw il-mixja fil-fidi tal-persuna u d-djakonija li toħroġ mill-imħabba tal-komunità. Jiġifieri jrid ikun hemm it-timbru ta' l-għajxien komunitarju ta' l-imħabba, biex imbagħad dak li nagħmlu barra ma jkunx soċjali imma jkun ukoll esperjenza Kristjana sħiħa.

### *Nieqfu u nirriflettu*

- Il-liturġija li niċċelebraw, hi laqgħa mal-Mulej?
- Għandna wisq quddies, b'mod li qed innaqqsu l-importanza ta' l-Ewkaristija bħala laqgħa ma' Kristu Rxoxt?

*Silta mid-Diskors ta' Dun René*

Irrid nirreferi għal dak li jikteb San Pawl lill-Korintin fl-ewwel ittra tiegħu (11, 23-26). "Jien irċevejt minn għand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Għandna ħafna quddies, wisq; imma ma naħsibx li nistgħu ngħidu li aħna Knisja Ewkaristika.

San Pawl, fil-passaġġ li kkwotajt, jgħid li għadda lill-komunità dak li rċieva. U ma jsemmix id-duttrina, imma l-Ewkaristija, mhux

il-messaġġ dwar Ġesù imma r-realtà ta' Ġesù ħaj. Mhux din l-isfida l-kbira ta' kull komunità nisranija hi fejn hi? Ir-relevanza tas-sagramenti hija kwistjoni ta' ħajja jew mewt għall-Knisja. Kull gvern jibża' mill-inflazzjoni u għandu regoli stretti biex jikkontrollaha. Barra aħna, f'affarijiet daqshekk qaddisa bħalma huma s-sagramenti. Għandna inflazzjoni tremenda li tirrendi dak li niċċelebraw bħala ħaġa rħisa u komuni. U mbagħad jispiċċa irrelevanti.

### ***Naġixxu fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet***

- Kif nistgħu ngħinu lilna lkoll, fil-parroċċa, biex ngħixu l-liturġija u s-sagramenti aħjar?
- Nistgħu ntejbu l-mod kif qed jiġu ċċelebrati s-sagramenti (b'mod speċjali l-Ewkaristija u l-Qrar)?

## Ngħixu l-Misteru ta' l-Għid

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli *(Atti 5: 27-33, 40- 42)*



Daħħluhom u ressquhom quddiem is-Sinedriju. U l-qassis il-kbir qalilhom: "Aħna għednielkom fuq li għednielkom biex ma tgħallmux fuq dan l-isem. U araw, issa mlejtu 'l Ġerusalemm bit-tagħlim tagħkom, u tridu titfgħu fuqna l-ħtija ta' demm dan il-bniedem!" Iżda Pietru, flimkien ma' l-appostli, wieġeb u qal: "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin. Alla ta' missirijietna qajjem lil Ġesù li intom qtiltuh billi dendiltuh ma' ghuda. Alla għollieh bil-leminija tiegħu u għamlu kap u salvatur, biex jagħti lil Iżrael l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet. U ta' dan kollu hawn xhieda aħna flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu li Alla ta lil dawk li jobduh." Xħin semgħu dan saħnu ħafna... u, wara li tawhom is-swat, ordnawlhom li ma jitkellmux fuq l-isem ta' Ġesù; mbagħad telquhom. Iżda huma ħarġu minn quddiem is-Sinedriju ferħana talli ġew meqjusa bħala nies li jistħoqqilhom li jkunu mmaqdra minħabba l-isem ta' Ġesù. U kuljum, fit-tempju u fi djarhom, kienu jgħallmu u jxandru bla waqfien li Ġesù hu l-Messija.

*Il-Kelma tal-Mulej*

### *Nieqfu u nirriflettu*

- Kellna esperjenza ta' persekuzzjoni?
- Fil-ħidma pastorali tagħna, forsi qed ninħakmu xi ftit iżżejjed mill-ispirtu ta' kumdità?

*Silta mid-Diskors ta' Mons. Arċisqof*

Il-persuna mgħammda hija persuna li b'mod speċjali taċċetta li, f'din il-mixja tagħha wara Kristu, tgħix il-misteru ta' l-Għid. Tafu li aħna, wara l-Ewkaristija, wara l-konsagrazzjoni, nistqarru li permezz ta' l-Ewkaristija aħna qegħdin niġu mġeddin sagramentalment fil-misteru ta' l-Għid? Jiġifieri dak li ġara elfejn sena ilu – l-Iben ta' Alla li sar bniedem, li bata, miet u rxoxta u bagħat l-Ispirtu elfejn sena ilu – aħna qed ngħidu li aħna qed nagħrfu li l-Ewkaristija qed iġġibilna l-effett/il-grazzja ta' dak li għamel il-Mulej Ġesù.

X'inhi l-grazzja tal-misteru ta' l-Għid? L-ewwelnett, hija misteru li rrid ngħixu fid-dawl tas-salib. Jiena ftit ilu kont qed inkellem lil xi żgħażagħ u ħassejt li għandi ngħidilhom, 'jekk int qatt ma batejt għalih, hemm xi ħaġa li hija nieqsa, għax dik il-parti tal-misteru ta' l-Għid li Ġesù bata għalija u jien lest li nbati għalih tkun nieqsa'. Għidtilhom, 'jekk inti fuq il-post tax-xogħol qatt ħadd ma daħak bik għax inti semmejt lil Kristu u tħobbu, hemm xi ħaġa li hija nieqsa. Hemm xi ħaġa, li hija t-tbatija, li ġo fija hija nieqsa, qed nibża' minnha'...

Bħala operaturi pastorali, kemm-il darba għandna l-idea li timxi wara Kristu għax jaqbillek, għax għandek il-privileġġ! Imbagħad tisma', fl-Atti ta' l-Appostli, li kienu ferħanin, Pietru u Ġwanni, għaliex setgħu jsofru għal Sidna Ġesù Kristu. Kienu ferħanin għax setgħu isofru.

## *Naġixxu fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet*

- Qed inqisu l-ħidma pastorali tagħna bħala privileġġ, jew bħala servizz?
- B'liema mod qed nikkomunikaw b'mod dehen il-misteru tas-salib tal-Mulej?

# Ngħixu l-Misteru tal-Qawmien

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann *(Ġw 20:24-29)*



Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna l-Mulej." Iżda hu qalilhom: "Jekk ma narax f'idejh il-marka ta' l-imsiemer u ma nqigħedx sebgħi fuq il-marka ta' l-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx." Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Mbagħad qal lil Tumas: "Ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen." Wieħeb Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" Qallu Ġesù: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu."

*Il-Kelma tal-Mulej*

***Nieqfu u nirriflettu***

- X'differenza jagħmel il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet għalija?

*Silta mid-Diskors ta' Mons. Arċisqof*

Il-parroċċa hija komunità li lesta, fid-dawl tas-salib, issir komunità paskwali. *An Easter people. An Easter community.* Jiġifieri komunità li qed timxi lil hinn minn dak li qed tidher f'din il-ħajja. Hija komunità li għandha futur li jmur lil hinn minn

dak kollu li jfisser li tgħix din il-ħajja. Ma jistax ikollok komunità nisranija li hija paskwali jekk hi f'xi mument ma tirriflettix fuq il-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu bħala l-qawmien tagħha. Mhux li Ġesù qam biss, imma li jien qiegħed nimxi proprju fid-dawl ta' dan il-qawmien ta' Ġesù Kristu.

Kemm hu sabiħ li tgħix il-misteru ta' l-Għid. Għaliex? Jekk qed tgħix misteru li jmur lil hinn minn dak li qed tgħix, kif tista' qatt parroċċa, Knisja, tieqaf u tkun kuntenta b'li hi? Ma jistax ikun, għax dak li qed tipproponi jkun imur lil hinn minn kull esperjenza umana. Tixtiequ, taħdem fuqu, tipprova tirrifletti fuqu, imma qatt ma tasal. Qatt ma nistgħu nkunu komdi. Il-misteru, jiġifieri li inkunu komunità paskwali, iseħħ jekk nindunaw li aħna qatt ma nistgħu nkunu komdi għaliex aħna f'mixja. Ma jimpurtax billi aħna midinbin f'mixja. Anzi waħda mill-isbaħ doni li tana l-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni fis-sena elfejn, hi meta qalilna li aħna midinbin f'mixja...

Kemm teħlisna l-imħabba tagħna jekk aħna jirnexxilna ngħixuha anki f'dan id-dawl. Il-kliem ta' Sidna Ġesù Kristu, bħala element paskwali, kien dan: 'Imberkin dawk li ma jarawx u jemmnu.' Lil hinn mill-forma esterna tal-parroċċa tagħna, x'hemm li jiena minix qed nara u nemmen? Faċli nibqgħu fuq l-istruttura, għax l-istrutturi jidhru. Imma x'hemm ġo fiha? Hawn irridu nkabbru. Dak li jiena minix nara u nemmen fih u qiegħed iqanqalni biex jiena nifforma f'dak li jiena nemmen fih. X'hemm ġewwa fija? Imberkin dawk li ma jarawx u jemmnu.

### *Naġixxu fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet*

- Nibżgħu nippruvaw xi ħaġa ġdida għax forsi ma taħdimx?
- Forsi naqtgħu qalbna malajr iżżejjed minn xi inizjattiva għax niffukaw fuq in-numru żgħir ta' parteċipanti?

# Nisimgħu lill-Ispirtu

Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann *(Ġw 14: 23-26)*



"Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu. Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu m'hijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni. "Għedtilkom dan meta għadni magħkom. Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom.

*Il-Kelma tal-Mulej*

*Silta mid-Diskors ta' Mons. Arċisqof*

L-ubbidjenza tfisser li inti temmen li l-Mulej huwa s-sid ta' l-istorja. Tafu kif tinħadem f'kuntest ta' parroċċa. Tinħadem li min imexxi jkun dejjem b'widnejh miftuħa biex jisma' l-Ispirtu li qed ikellem lill-komunità tiegħu. Jiġifieri jekk ikollok, hu min hu, kappillan, li mhux lest li jisma', dak qed jagħmel żball. Min-naħa l-oħra, meta inti tkun parti mill-komunità parrokkjali, mill-kunsill pastorali, hi x'inhi, inti quddiem Alla l-Imbierek għandek dmir li inti din il-Kelma twassalha fil-kuntest tal-kunsill pastorali parrokkjali mhux nitkellmu fuq hekk biss. Id-differenza importanti hi li hemmhekk tpoġġiha bħala offerta.

Kemm hawn persuni li huma 'imweġġgħin'! Il-kelma 'imweġġgħin' qed inpoġġiha f''*inverted commas*'. Kultant veru jkun hemm raġuni, għax aħna nweġġgħu lil xulxin. Jiena nweġġa' lil ħaddieħor; ħaddieħor iweġġa' lili; inweġġgħu lil xulxin. Imma

kemm-il darba l-weġġħat inġibuhom fuqna? Per eżempju, stajt jiena, bħala patri, qiegħed f'kunsill pastorali parrokkjali, diġà ġejt b'idea li b'din suppost timxi l-parroċċa, imbagħad ninduna li l-parti kbira ta' sħabi ma jaqblux miegħi. F'dak il-mument weġġajt, għax ma qablux miegħi… Ma nerġax nitkellem iktar. Skużi; imma dik kienet att ta' suppervja.

Mela jien qed ngħid li hemm dan il-pjan sħiħ tal-Mulej li jrid jitwettaq permezz ta' l-għaqda li għandna permezz tal-kappillan, għax hu għandu r-realtà li jrid imexxi imma jrid jisma' u jagħraf li hemm doni oħrajn u jrid jagħti kashom. Imma flimkien, meta mbagħad naslu biex nagħmlu deċiżjoni flimkien, aħna nibqgħu mexjin.

### *Nieqfu u nirriflettu*

- Ikollna spazju biex nirriflettu x'jista' jkun irid minna l-Mulej jew niltaqgħu iżjed biex norganizzaw attivitajiet?
- Lesti nisimgħu x'jista' jkun qed jgħidilna l-Ispirtu fl-interventi tal-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali jew aktar pronti biex nirribattu dak li jintqal?

*Silta mid-Diskors ta' Dun René*

L-Ispirtu jikkanċella l-medjokrità. Imma l-medjokrità tista' anke tikkanċella l-Ispirtu u kull siġill li aħna rċevejna. Ħa nuża l-lingwaġġ tal-*computer* li jiena ċert ħafna minnkom jifhmuh. Wasal il-mument li nagħmlu *disk defragmentation* tal-*hard drive* tagħna. Id-*disk defragmenter* fil-*computer* jeħodlok ftit ħin biex jiġborlok b'mod iktar organizzat il-*files* u d-dokumenti li jkollok

u jirkupra ħafna spazju moħli li jista' jiġi utilizzat mod ieħor. Għandna bżonn eżerċizzju simili fil-*hard drives* ta' qalbna, ta' moħħna, tal-Kunsilli tagħna, u tal-parroċċi tagħna. Biex naraw dak li qiegħed jiġi l-ewwel fl-aġenda tagħna jixraqlux ikun f'dik il-prijorità u dak li qed inħallu barra wasalx il-ħin li nibdew nagħmluh; biex naraw ir-riżorsi tagħna kif qed nużawhom, aħniex nużawhom kollha u sew; u biex naraw il-ħin prezzjuż tagħna aħniex naħluh jew nutilizzawh. Qed nagħmel dawn il-mistoqsijiet għax tajjeb infakkru lilna nfusna għal darb'oħra li f'idejna għandna dik li nsejħulha l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni għalina, għan-nies li naħdmu magħhom, u għal pajjiżna. Hija aħbar ta' ħajja jew mewt.

***Naġixxu***
***fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet***

- B'liema mod qegħdin inqisu l-pjan pastorali tal-parroċċa tagħna?

# Flimkien bħala Knisja

Qari mill-ewwel ittra ta' San Pawl lill-Korintin *(1 Kor 1: 10-13)*



Kunu magħqudin kif imiss, ħsieb wieħed u fehma waħda. Ħuti, in-nies ta' Kloji qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim: irrid ngħid jien, li kull wieħed minnkom qiegħed jgħid,"Jiena ta' Pawlu","U jiena ta' Apollo", "U jiena ta' Kefa","U jiena ta' Kristu." Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu tgħammidtu?

*Il-Kelma tal-Mulej*

*Silta mid-Diskors ta' Mons. Arċisqof*

X'inhuma xi punti importanti li għandek tkun taf, inti li inti parti importanti mill-parroċċa? Li ma tkunx esklussiv? Li dejjem qalbek tkun miftuħa? Joħroġ mill-impenn personali tal-membri lejn il-Knisja, li mbagħad tiġi espressa permezz tal-grupp. Jiġifieri, qabel ma jien Dumnikan, jiena membru tal-Knisja. L-*'allegiance'* tiegħi mhux jiena Dumnikan lejn il-Knisja, imma lejn il-Knisja permezz tad-Dumnikani. L-*'allegiance'* personali se tkun lejn il-Knisja. L-ebda wieħed, l-ebda grupp, l-ebda ordni ma jista' jieħu post il-Knisja kollha, jew inkella jirrappreżenta lil Kristu sħiħ.

Jiġifieri, meta jiena naħseb li l-grupp tiegħi, hu x'inhu, huwa l-Knisja fih innifsu, qed nagħmel żball. Il-Knisja biss hija totali. Qed nirrappreżenta parti minn dak li hu Kristu. Jekk inti parti min grupp li qed jagħmel ħafna ġid permezz tad-djakonija soċjali, tirrappreżenta lil Kristu meta kien imur jara l-fqar u jfejjaq. Jekk inti parti minn grupp li jgħallem, qed tirrappreżenta

biċċa minn Kristu meta kien imur jgħallem. Il-Knisja sħiħa tiġbor dan kollu u tirrappreżenta lil Kristu sħiħ, għax inkella ningħalqu f'realtà li tkun dejqa. Allura, wieħed mit-testijiet kbar hu li kull grupp jifraħ mhux biss b'dak li jagħmel hu, imma jifraħ b'dak li qed jagħmlu gruppi oħrajn. Tgħiduli, 'faċli'. Mhux faċli. Nieħu gost meta d-Dumnikani jagħmlu xi ħaġa, imma nkun membru tal-Knisja meta ninduna li l-Franġiskani qed jagħmlu xi ħaġa u nifraħ daqskemm qed nifraħ kieku jien qed nagħmel xi ħaġa bħala Dumnikan. Mhux faċli; tiħduhiex *for granted* għax mhix faċli. Hemmhekk tinduna li inti parti minn din il-Knisja integrali.

Jiġifieri fit-triq, aħna ltqajna flimkien, għaliex lilek sejjaħlek biex twassal il-Kelma fil-parroċċa tiegħek, u lill-ieħor sejjaħlu, lill-ieħor sejjaħlu, lill-ieħor sejjaħlu, lill-ieħor sejjaħlu, imbagħad isejħilna biex inkunu komunità. Jiġifieri jiena ma nistax nagħżel. Jekk għandek komunità parrokkjali, jekk għandek kunsill parrokkjali, erbgħa jaqblu u dejjem ma' xulxin u l-oħrajn barra, jiġifieri jien qed ngħidlu: 'Mhux li għażilt int, li naħżel jien jgħodd. X'jimpurtani li lill-ieħor għażiltu. Ma għandix grazzja miegħu jew magħha.' Imma taf xi tfisser din hux? Ifisser li trid tmur kontra l-gosti tiegħek. Tgħidlu: 'Kemm hu antipatiku dak Mulej! Imma la għażiltu biex imexxi l-Kelma, x'naqbad nagħmel? Irrid naħdem miegħu.' Tifhmu?

Kif tista' inti tieħu sehem fl-Ewkaristija u ma tindunax li l-Ewkaristija, li qabel kienet quddiemek fil-quddiesa, issa qiegħda fi sħabek li hemm madwarek, f'ħutek li hemm madwarek? Kif tista' tinsiha? Kif tista' ma tgħidx, 'Issa ma nistax nibqa' nħares lejn l-Ewkaristija barra minni. Issa nibda nħares lejn l-Ewkaristija li hemm fil-komunità li ħadet bħali l-Ewkaristija'. Qed tifhmu kemm huma feriti kbar dawk li huma l-firdiet fil-komunità ekkleżjali? Kull kwalità ta' firda: tista' tkun firda ta' festa, imma tista' tkun anki firda fi grupp. Anki fil-gruppi stess, xorta rridu naħdmu fuqha. Ewkaristija li ma tgħaddix fil-prattika ta' l-imħabba hija intrinsikament frammentata. Jiġifieri jekk jiena nieħu l-Ewkaristija u jiena l-Ewkaristija nħossha timlieni u m'inix dik l-imħabba qed ngħaddiha lill-oħrajn qed naqsam lil Kristu,

għax l-ewwel kmandament tiegħu 'ħobb lil Alla, ħobb lill-proxxmu', li deher b'mod speċjali fi Kristu, jien inkun qiegħed nifirdu.

### ***Nieqfu u nirriflettu***

- Fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali l-ewwel inħares lejn l-interessi tal-grupp tiegħi?
- Inqis l-għaqda tiegħi aħjar minn ta' ħaddieħor?

*Silta mid-Diskors ta' Dun René*

Li temmen f'Ġesù Kristu u fil-Knisja tiegħu mhijiex xi ħaġa tal-ftit u dejjem l-istess li ssibhom kullimkien u dejjem, qisu b'monopolju fuq il-parroċċa u l-għaqdiet tagħna. Milli nara jien, nista' nkun żbaljat, dan għad irridu niskopruh u nagħmlu xi ħaġa dwaru. Jeżistu nies preparati u preparati ħafna fil-parroċċi u fl-ambjenti tagħna li mhumiex utilizzati.

### ***Naġixxu fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet***

- Kif nistgħu naħdmu aħjar flimkien fil-parroċċa tagħna?
- Kif nistgħu ninvolvu aktar persuni fil-ħidmiet fil-parroċċa tagħna? Inħossuh dan il-bżonn?
- Fuq liema firdiet hemm bżonn li naħdmu?

# Il-Parroċċa Responsabbli ta' Territorju Determinat

Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi *(Apok 2: 1-7)*



"Lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Efesu iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek Dak li għandu s-seba' kwiekeb f'idu l-leminija: Dak li jimxi fost is-seba' kandelabri tad-deheb: Jiena naf l-opri tiegħek, u l-keded li tieħu, u s-sabar tiegħek, naf li int lill-ħżiena ma tiflaħx għalihom, u li ġa stħarriġt lil dawk li jriduha ta' appostli bla ma huma, u sibthom qarrieqa. Naf li stabart u ġarrabt ħafna minħabba f'ismi, u għadek ma għejejtx. Imma kontra tiegħek għandi li inti ħallejt dik l-imħabba li kont urejt fil-bidu. Mela issa ġib quddiem għajnejk fiex waqajt, indem, u erġa' aqbad l-opri tiegħek tal-bidu. Għax inkella niġik u nneħħilek il-kandelabru tiegħek minn postu, jekk ma tindimx. Iżda favur tiegħek għandek li inti tobgħod l-opri tad-dixxipli ta' Nikola, bħalma nobgħodhom jiena wkoll. Min għandu widnejn, ħa jisma' xi jgħid l-Ispirtu lill-knejjes.

*Il-Kelma tal-Mulej*

***Nieqfu u nirriflettu***

- X'jista' jgħid Kristu lill-parroċċa tagħna?
- Konxji mill-bżonnijiet li joħorġu mit-territorju tal-parroċċa tagħna?

*Silta mid-Diskors ta' Mons. Arċisqof*

Il-parroċċa hija din il-komunità b'territorju determinat. Hija l-komunità li rċeviet il-Kelma u issa ħadet fuqha r-responsabbiltà f'dak il-post biex tkun tista' twassalha lil dawk li hemm f'dak il-post.

Jien dejjem nagħmel daqsxejn ta' differenza; għandek dik il-parroċċa komunità. Hija l-parroċċa komunità li trid tinbena f'dak kollu li għidna. Allura, fil-parroċċa komunità ġieli jiġri li jkollok persuni jħossuhom, minħabba raġuni differenti, aktar komda ġo parroċċa oħra. Ġieli jkunu - ma jimpurtax insemmi - per eżempju tas-Sliema, aħna għandna l-parti ta' fuq ta' tas-Sliema, u peress li kien hemm in-niżla u t-telgħa, kulħadd irid jinżel u jitla', allura l-parti ta' fuq kienu jmorru Stella Maris u l-parti ta' l-iStrand imorru magħna. Jiġifieri dawn, għalkemm bħala territorju mhumiex parti mill-parroċċa, huma parti mill-parroċċa komunità għax dik iħossuha li huma parti integrali minnhom u jridu jagħtu s-sehem tagħhom. Dik hija l-komunità li semmejna fil-bidu, imma – u hawn hija importanti - parroċċa trid tkun ukoll parroċċa territorju. Jiġifieri, għalkemm kienu jiġu n-nies mill-iStrand, kienu jiġi fil-parroċċa meta kont kappillan jiena, jiena ma kontx inħoss ir-responsabilità – ippermettuli - li niġri warajhom għax mhux dik it-territorju. Ir-responsabilità tiegħi kien li niġri wara l-persuni li hemm fil-parroċċa territorju tiegħi. Lil persuni fit-territorju tiegħi irrid nara li nżurhom, li niġri warajhom u li nara li jekk hemm xi ħadd li huwa 'l bogħod nagħtih il-Kelma!'

## ***Naġixxu fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet***

- Kif nistgħu nilqgħu aħjar lil dawk li jiġu għall-quddiesa, imma li m'humiex parti mill-parroċċa territorju tagħna?
- Kif nistgħu nilħqu lil dawk li huma parti mill-parroċċa territorju tagħna, imma li jisimgħu quddies xi mkien ieħor?

# Il-Ħtieġa tal-Formazzjoni

Qari mill-Ktieb ta' Neħemija *(Neh 8: 1, 4-12)*



Ulied Iżrael kienu fl-ibliet tagħhom imma meta wasal is-seba' xahar il-poplu kollu nġabar flimkien fil-misraħ ta' quddiem Bieb l-Ilma, u talbu lil Esdra l-iskriba biex iġib il-Ktieb tal-Liġi ta' Mosè li l-Mulej kien ta lil Iżrael. Kien l-ewwel tas-seba' xahar mela, u Esdra l-qassis ġieb il-Liġi quddiem il-ġemgħa, li kienet magħmula minn irġiel, nisa u oħrajn, li kienu jifhmu dak li jisimgħu. U mis-sebħ sa nofsinhar qara minnu quddiem l-irġiel, in-nisa, u dawk li kienu kapaċi jifhmu, iħares lejn il-misraħ li hemm quddiem Bieb l-Ilma. U l-poplu kollu kien attent jisma' l-qari tal-Ktieb tal-Liġi. Esdra l-iskriba kien wieqaf fuq palk ta' l-injam, li kienu waqqfu għall-okkażjoni ... Mbagħad Esdra fetaħ il-Ktieb u raħ kulħadd jagħmel dan billi kien fil-għoli 'l fuq mill-poplu kollu. U meta fetaħ il-ktieb kulħadd qam bilwieqfa. U Esdra bierek il-Mulej, Alla l-kbir, u l-poplu kollu b'idejh merfugħin 'il fuq wieġeb: "Amen, amen." U nxteħtu għarkubbtejhom b'wiċċhom ma' l-art jagħtu qima lill-Mulej. Ġożwè, Bani, Serebija, Ġamin, Għakkub, Sabtaj, Ħodija, Magħxija, Kelita, Għażarija, Ġożabad, Ħanan, Pelaja, u l-Leviti, qagħdu jgħallmu l-Liġi lill-poplu, u l-poplu baqa' wieqaf fejn kien. Dawn qraw mill-Ktieb tal-Liġi b'mod li jiftiehem, fissruh, u spjegaw il-qari. Mbagħad il-gvernatur, Esdra, il-qassis u skriba, u l-Leviti li kienu qegħdin jgħallmu lill-poplu, qalu lin-nies kollha: "Dan hu jum qaddis, ikkonsagrat lill-Mulej Alla tagħkom. Titnikktux u tibkux" Għax il-poplu kollu kien infexx jibki meta sama' kliem il-Liġi. U żiedu jgħidulhom: "Morru u kulu laħam imsemmen u ixorbu nbid ħelu, u lil dak li ma ħejjewlu xejn ibagħtulu sehem minn dak li għandkom.

Dan hu jum qaddis għall-Mulej. La ssewdux qalbkom, għax il-ferħ tal-Mulej il-qawwa tagħkom." U l-Leviti komplew iqawwu qalb il-poplu u jgħidulu: "Isktu! Dan hu jum qaddis. La ssewdux qalbkom." Mbagħad il-poplu kollu telaq biex jiekol u jixrob, u jibgħat jaqsam ma' ħaddieħor, u biex jagħmel festa b'ferħ kbir, għax kien fehem dak kollu li kienu għallmuh.

*Il-Kelma tal-Mulej*

### *Nieqfu u nirriflettu*

- B'liema modi nwasslu l-Kelma fil-parroċċa?
- Liema huma l-isfidi li naffaċċjaw fix-Xandir tal-Kelma fil-parroċċa tagħna?

*Silta mid-Diskors ta' Dun René*

Sfida oħra urġenti li nara quddiemna hija dik li niskopru b'mod ġdid u ħaj ir-relevanza tal-persuna u tal-Vanġelu ta' Gesù Kristu fil-kuntest ta' soċjetà u kultura li qed jinbidlu b'mod ferm iktar mgħaġġel milli nistgħu inlaħħqu miegħu aħna. Malta llum politikament u ekonomikament qiegħda fil-kontinent Ewropew bl-isfidi kollha kulturali u reliġjużi li dan qiegħed u għad ikompli jippreżenta quddiemna.

L-ewwelnett jeħtieġ naffaċċjaw b'mod organiku u ċar il-mistoqsijiet li n-nies qed jagħmlu u li għalihom fis-suq illum qed jiġu kontinwament proposti tweġibiet u soluzzjonijiet, speċjalment minn fuq il-*media*. Il-Knisja llum tagħraf li mhijiex l-uniku aġent tal-moralità kif kienet dejjem u sa ftit ilu. Il-Knisja wkoll, anke fejn tidħol il-moralità u l-valuri, illum qiegħda f'dinja kompetittiva. Il-kontenut tad-duttrina nisranija u l-viżjoni tal-fidi evanġelika fihom rikkezza inkomparabbli. U allura rridu nistaqsu għaliex dan il-kontenut qed jidher skadut u staġnat f'ħafna ambjenti u ma' ħafna nies ta' etajiet differenti. L-injoranza

reliġjuża li pprova jikkumbatti Dun Ġorġ Preca għadha magħna bil-kbir. U nħoss urġenza biex bħala Knisja nieħdu deċiżjonijiet f'dan ir-rigward.

It-tieni, jeħtieġ li nżewġu darba għal dejjem il-messaġġ nisrani ma' dak li jsir u jseħħ fil-*business*, fil-qrati, fl-isptarijiet, fil-ħwienet, fl-industrija, fil-ġurnaliżmu, fil-politika. Inħoss li anke jekk inqas minn qabel, imma għadna wisq nitkellmu fuq moralità li għandha biss x'tgħid fuq s-sesswalità, iż-żwieġ, id-divorzju, u l-abort. It-tagħlim soċjali tal-Knisja dejjem qisnieh bħala tagħlim sekonda klassi, ferm inqas fl-importanza minn dak li tgħallem il-Knisja dwar il-kontraċezzjoni. Illum il-konsegwenza ta' dan huwa vojt kbir li jfisser faqar ta' valuri u ispirazzjoni evanġelika fir-relazzjonijiet soċjali fuq kull livell. Għad hemm ħafna kwistjonijiet li jikkonċernaw lin-nies u lill-pajjiż li fuqhom aħna m'għandniex xi ngħidu.

### *Naġixxu*
### *fid-dawl tal-Kelma u tar-Riflessjonijiet*

- Kif nistgħu nagħrfu noffru formazzjoni xierqa lill-membri differenti tal-parroċċa tagħna?
- Qegħdin nilħqu lill-professjonisti, lil tal-*business* etc fil-parroċċa tagħna? Nistgħu nikkomunikaw aħjar mal-bżonnijiet tagħhom bħala professjonisti nsara?
- Nafu dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja? Nistgħu naraw kif insiru nafu aktar dwar dan?